II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' April 2008

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji ta' ħlas fil-Ġermanja, fl-Italja u fis-Slovakkja dwar l-infiq iffinanzjat mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) għas-sena finanzjarja 2006

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1709)

(It-testi bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bis-Slovakk biss huma awtentiċi)

(2008/394/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat tal-Fond,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/327/KE [3] approvat, għas-sena finanzjarja 2006, il-kontijiet ta' l-aġenziji kollha ta' ħlas għajr għall-aġenziji ta' ħlas Ġermaniżi "Baden-Württemberg" u "Bayern-Umwelt", l-aġenziji ta' ħlas Taljani "AGEA" u "ARBEA", l-aġenzija ta' ħlas Portugiża "IFADAP" u l-aġenzija ta' ħlas Slovakka "APA".

(2) Wara t-trażmissjoni ta' tagħrif ġdid u wara verifiki addizzjonali, il-Kummissjoni issa tinsab fil–qagħda li tieħu deċiżjoni dwar l-integralità, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet sottomessi mill-aġenzija ta' ħlas Ġermaniża "Bayern-Umwelt", l-aġenzija ta' ħlas Taljana "AGEA" u l-aġenzija ta' ħlas Slovakka "APA".

(3) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1663/95 [4] jistipula li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand, jew imħallsa lil kull Stat Membru, skond id-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu stabbiliti billi jitnaqqsu l-avvanzi mħallsa matul is-sena finanzjarja kkonċernata, i.e. l-2006, mill-infiq rikonoxxut għal dik is-sena skond l-ewwel subparagrafu. Dawn l-ammonti għandhom jitnaqqsu minn, jew jiżdiedu ma', l-avvanzi skond in-nefqa mit-tieni xahar wara dak li fih tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet.

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.
[2] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1).
[3] ĠU L 122, 11.5.2007, p. 51.
[4] ĠU L 158, 8.7.1995, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 465/2005 (ĠU L 77, 23.3.2005, p. 6).

(4) Skond l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru ta' l-irregolaritajiet għandu jagħmel tajjeb għalihom l-Istat Membru kkonċernat u 50 % jitħallsu mill-baġit Komunitarju, jekk l-irkupru ta' dawk l-irregolaritajiet ma jkunx sar fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni primarja amministrattiva jew ġudizzjarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali. L-Artikolu 32(3) ta' l-imsemmi Regolament jobbliga lill-Istati Membri li jissottomettu lill-Kummissjoni rapport fil-qosor dwar il-proċeduri ta' l-irkupru meħuda b'rispons għall-irregolaritajiet, flimkien mal-kontijiet annwali. Ir-regoli ddettaljati dwar l-applikazzjoni ta' l-obbligi li għandhom l-Istati Membri biex iħejju rapport ta' l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati huma stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 fir-rigward ta' l-akkreditazzjoni ta' l-aġenziji tal-ħlas u korpi oħra u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u l-FAEŻR [1] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Anness III għar-Regolament imsemmi jipprovdi t-tabelli mudell 1 u 2 li l-Istati Membri għandhom iressqu fl-2007. Abbażi tat-tabelli mimlija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq il-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru ta' irregolaritajiet li jmorru lura għal iktar minn erba' snin jew tmien snin, rispettivament. Din id-deċiżjoni hija bla ħsara għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skond l-Artikolu 32(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(5) Skond l-Artikolu 32(6) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiħdux passi għall-irkupru. Deċiżjoni bħal din tista' tittieħed biss jekk l-infiq li sar diġà u dak li aktarx isir flimkien jeċċedu l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jekk l-irkupru jirriżulta impossibbli li jsir minħabba insolvenza, irreġistrata u rikonoxxuta skond il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli għall-irregolarità. Jekk dik id-deċiżjoni tittieħed fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali, 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' l-irkupru għandu jaqa' fuq il-baġit Komunitarju. Ir-rapport fil-qosor imsemmi fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 juri l-ammonti li għalihom l-Istat Membru iddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru u fuq liema bażi ttieħdet id-deċiżjoni. Dawn l-ammonti ma għandhomx ikunu ddebitati lill-Istati Membri kkonċernati u għalhekk għandhom jitħallsu mill-baġit Komunitarju. Din id-deċiżjoni hija bla ħsara għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skond l-Artikolu 32(8) tar-Regolament imsemmi.

(6) Hija u tapprova l-kontijiet ta' l-aġenziji tal-ħlas ikkonċernati, il-Kummissjoni jeħtiġilha tapprova l-ammonti li diġà huma miżmuma mill-Istati Membri kkonċernati abbażi tad-Deċiżjoni 2007/327/KE.

(7) Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999 u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1663/95, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentament mill-Kummissjoni li jeskludu mill-iffinanzjar Komunitarju nfiq li ma jsirx skond ir-regoli Komunitarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan huma approvati l-kontijiet ta' l-aġenzija ta' ħlas Ġermaniża "Baden-Württemberg", l-aġenzija ta' ħlas Taljana "AGEA" u l-aġenzija ta' ħlas Slovakka "APA" rigward l-infiq iffinanzjat mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Ewropew Agrikolu ta' Gwida u Garanzija (EAGGF) fir-rigward tas-sena finanzjarja 2006.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew li għandhom jitħallsu lil, kull Stat Membru kkonċernat skond din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huma stipulati fl-Anness I.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika Taljana u lir-Repubblika Slovakka.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1233/2007 (ĠU L 279, 23.10.2007, p. 10).

ANNESS I

APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TA' L-AĠENZIJI TAL-PAGAMENTI

Sena Finanzjarja 2006

L-ammont li għandu jiġi rkuprat mill-Istati Membri jew jitħallas lilhom.

SM		2006 - Infiq / Dħul Assenjat għall-Aġenziji tal-Pagamenti li l-kontijiet għalihom		Total a + b	Tnaqqis u suspensjonijiet għas-sena finanzjarja sħiħa	Tnaqqis skond l-Artikolu 32 tar-Reg. 1290/2005	Total inklużi t-tnaqqis u s-suspensjonijiet	Avvanzi mħallsa lill-Istat Membru għas-sena	Ammont li għandu jiġi rkuprat minn (–) jew imħallas lil (+) l-Istat Membru	Ammont irkuprat minn (–) jew imħallas lil (+) l-Istat Membru skond id-Deċiżjoni 2007/327/KE	Ammont li għandu jiġi rkuprat minn (–) jew imħallas lil (+) l-Istat Membru skond din id-Deċiżjoni (*)
		huma approvati	mhux approvati								
		= infiq / dħul assenjat iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali	= total ta' l-infiq / dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar								
		a	b	ċ = a + b	d	e	f = ċ + d + e	g	h = f – g	i	j = h – i
DE	EUR	6 526 706 239,34	16 647 818,33	6 543 354 057,67	– 15 751,26	– 22 076 833,17	6 521 261 473,24	6 543 392 477,21	– 22 131 003,97	– 22 062 685,96	– 68 318,01
IT	EUR	5 346 806 962,99	124 289 380,08	5 471 096 343,07	– 50 445 262,13	– 124 588 830,86	5 296 062 250,08	5 460 957 034,26	– 164 894 784,18	– 24 758 663,41	– 140 136 120,77
SK	SKK	5 603 584 048,11	0,00	5 603 584 048,11	0,00	0,00	5 603 584 048,11	5 605 953 347,87	– 2 369 299,76	0,00	– 2 369 299,76

SM		Infiq (1)	Dħul assenjat (1)	Il-Fond taz-Zokkor		L-Artikolu 32 (=e)	Total (=j)
				Infiq (2)	Dħul assenjat (2)		
		05070106	6701	05021602	6803	6702	
		k	l	m	n	o	p = k + l + m + n + o
DE	EUR	0,00	0,00	0,00	0,00	– 68 318,01	– 68 318,01
IT	EUR	– 40 296 552,55	0,00	0,00	0,00	– 99 839 568,22	– 140 136 120,77
SK	SKK	– 2 369 299,76	0,00	0,00	0,00	0,00	– 2 369 299,76

(*) Rata tal-kambju applikabbli: l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006.
(1) Jekk id-dħul assenjat jirriżulta favur l-Istat Membru, għandu jiġi ddikjarat taħt 05070106.
(2) Jekk il-parti tal-Fond taz-Zokkor ta' dħul assenjat tirriżulta favur l-Istat Membru, għandha tiġi ddikjarata taħt 05021602.

NB:

1) Għall-kalkolu ta' l-ammont li għandu jiġi rkuprat minn jew imħallas lil l-Istat Membru, l-ammont li għandu jitqies huwa t-total tad-dikjarazzjoni annwali għall-infiq approvat (kol.a), jew it-total tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar għall-kontijiet mhux approvati (kol.b).

2) It-tnaqqis u s-suspensjonijiet huma dawk meqjusa fis-sistema bil-quddiem, li magħhom jingħaddu b'mod partikolari l-korrezzjonijiet għan-nuqqas ta' ħarsien ta' l-iskadenzi għall-ħlas stabbiliti f'Awissu, Settembru u Ottubru 2006.

3) Nomenklatura 2008: 05070106, 05021602, 6701, 6702, 6803